TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

**ARBITRU**

**Dott. Deborah Schembri**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha, 03 ta' Dicembru, 2025**

**Talba Nru: CCT175/25/DS**

**Brian Vassallo**

**Vs**

**Oxford House Ltd. (C8417)**

**It-Tribunal**

Ra l-avviż tar-rikorrenti pprezentat fit-28 ta' Settembru, 2025 fejn talab illi s-soċjeta' intimata ħames mija u erbgħa u għoxrin Ewro (€524) f'riżarċiment f' għal tiswija illi ma kienetx effettiva ;

Ra illi s-soċjeta' intimata debitament notifikata bl-avviż tat-talba u tas-smiegħ daħħlet risposta fit-23 ta' Ottubru, 2025;

Ra illi l-partijiet preżentaw il-pużizzjoni tagħhom waqt dawn il-proċeduri;

Ra l-atti kollha tal-kawża.

Sema' x-xhieda prodotti, bil-ġurament.

Sema' t-trattazzjoni.

**Ikkunsidra**

Illi primarjament it-Tribunal ikkonsidra l-fatt illi l-kawża odjerna tikkonċerna servizz u mhux bejgħ/xiri ta' prodott pero' wara illi ġiet ikkonsultata l-ġurisprudenza u wara li nnutat l-emendi għall-Kap 378 illi fl-artikolu tad-definizzjonijiet daħħal "*il-kuntratt*

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 – MALTA
TELEPHONE: (+356) 21227070. FAX: (+356) 21239888

*ta' servizz*" l-imsemmi Tribunal iħoss illi l-mertu ta' din il-kawża jista' jiġi deċiż minnha.

Illi mill-provi jirriżulta illi l-attur kkonferma il-punti essenzjali tat-talba tiegħu, bl-informazzjoni illi niżżel fiha, taħt ġurament u ma kellux x'iżid mat-talba tiegħu;

Illi s-soċjeta' intimata tat ir-risposta tagħha fejn spjegat għaliex fl-opinjoni tagħha dak mitlub ma setgħax jintlaqa' minnha u ma kellhiex x'iżżid ma l-istess risposta mgħotija bil-miktub;

Illi l-fatti in suċċint huma s-segwenti: L-attur kellu *fridge* illi kienet ilha għandu ħdax -il sena (11) u kellha bżonn xi tiswijiet. Huwa talab is-servizz tas-soċjeta' intimata. Ir-rapprezentant tas-soċjeta' intimata tgħid illi t-tekniku tal-kumpanija spjega lill-attur illi din il-ħsara setgħet kienet minn tlett tipi differenti ta' ħsarat (malfunctions) u spjega illi jekk jinbidlu ċerti komponenti ma jfissirx illi il-ħsara neċessarjament kienet ser tissewwa. L-attur ma jidhrix li jaqbel ma din il-pużizzjoni u cioe illi ingħata l-pużizzjoni b'mod ċar pero' meta jitkellem dwar il-ġurnata illi mar it-tekniku tal-kumpanija fis-27 ta' Ġunju, 2025 huwa jgħid "*He then suggested replacing both internal sensors, claiming intermittent faults may be undetectable. I accepted as a last resort.*" Dan il-kliem jagħti wieħed x'jifhem illi minn naħa tas-soċjeta' intimata ma kienetx qiegħda tingħata ċertezza u dan joħrog mill-kelma "*may*" u mill-fatt illi l-attur jgħid illi aċċetta bħala "*last resort*" illi huwa terminu użat meta wieħed ikun qiegħed jitkellem fuq numru ta' għażliet illi wieħed kellu, ġew provati u fallew.

Illi dan magħdud mal-fatt illi l-imsemmija *fridge* kellha ħdax -il sena (11) u għaldaqstant il-possibilita illi jkollha problema illi mhux daqshekk faċilment tinduna mill-ewwel x'kienet jikkonvinċu lil dan it-Tribunal illi t-tekniku kien ġibed l-attenzjoni għal dan lill-attur kif issostni s-soċjeta' intimata. Din il-verżjoni hija verosimili tenut kont taċ-ċirkustanzi u l-fatt illi l-attur kellu ċerta retiċenza biex jagħmel it-tiswijiet wara l-ewwel viżita tat-tekniku, jkompli jikkonvinċi t-Tribunal illi dan il-messaġġ wasal għand l-attur għaliex li kienu kien ċert illi t-tiswija kienet ser tagħti ċertament riżultat pożittiv ma kienx jistenna biex jagħmilha.

Illi f'dan l-isfond dan it-Tribunal ma jsibx illi t-talba tal-attur hija ġustifikata fil-liġi mix-xhieda li ngħatat u mill-provi dokumentarji illi ġew prodotti fl-atti u għaldaqstnat m'hemmx bażi legali sabiex din it-talba tiġi akkolta.

**Deċiżjoni**

Għaldaqstant, għar-raġunijiet kollha hawn fuq imsemmija, wara li ra l-atti, ra l-Kap 378 tal-Liġijiet ta' Malta, u wara li qies iċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, dan it-Tribunal jidhirlu illi r-rikorrenti ma provax il-każ tiegħu suffiċjentement u sal-grad rikjest

mill-liġi u għalhekk skont il-mertu u l-ġustizzja sostantiva kif ukoll skont l-ekwita' iħoss illi t-talba tiegħu għandha tiġi miċħudha fl-intier tagħha.

Għall-dawn il-motivi, jaqta' u jiddeċiedi billi tiċħad it-talba tal-attur.

Bl-ispejjes kontra l-istess attur.

**Deborah Schembri**
B.A. (Leg. & Hum. St.) (Melit.),
P.G. Cert. (Parental Alienation)(IFT-Malta),
M.A. (Bioethics) (Melit.), LL.D. (Melit.),
Adv. Trib. Eccl. Melit.

**Arbitru**